**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 501/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**vs**
**Roderick Azzopardi**

**Illum 22 ta' Lulju 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Roderick Azzopardi detentur tal-karta tal-identita' 336283M imwieled ġewwa l-Pieta' nhar it-30 ta' Mejju, 1983, iben Nazzareno u Emanuela Buhagiar u residenti fil-fond 'Dar il-Hena', Triq il-Buskett, Rabat, Malta:

Akkużat talli nhar is-7 ta' Jannar 2020, u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmula minnek fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ġiegħelt annimali jsofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bzonn, **u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(2) tal-Kap.439b tal-Ligijiet ta' Malta:**

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zammejt jew qbilt li zzomm annimali minghajr ma kont responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom, **u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta:**

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma hadtx dawk il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza sabiex tizgura li l-htigijiet ta' annimal li kont responsabbli ghalihom, jew li qbilt li tiehu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri ta' l-annimali, **u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap.439 tal-Ligijiet ta' Malta**

4. Talli hadt sehem fil-moviment, l-ghoti ta' kenn, irbit, sturdament, tbiccir jew qtil ta' annimali meta ma kellekx it-taghrif u l-hila mehtiega biex twettaq il-hidmiet b'umanita' u b'efficjenza skond il-htigijiet tar-regolamenti kif stipulate **u dan bi ksur tar-Regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja numru 439.03 dwar il-Protezzjoni ta' Annimali waqt it-Tbiccir jew il-Qatla.**

5. Talli ma ksibt ebda deroga mis-subregolament (1) tar-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja numru 439.03 dwar il-Protezzjoni ta' Annimali waqt it-Tbiccir jew il-Qatla mis-Servizz Veterinarju ghal-tjur, fniek, majjali, naghag u moghoz imbiccra jew maqtula barra l-bicceriji ghall-konsum personali minghajr ma gie segwit ir-regolament numru 3 tal-istess legislazzjoni sussidjarja hawn imsemmija u li l-majjali, in-naghag u l-moghoz ikunu gew storduti minn qabel **u dan bi ksur tar-Regolament 9 subregolament (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja numru 439.03 dwar il-Protezzjoni ta' Annimali waqt it-Tbiccir jew il-Qatla.**

6. Bhala sid, detentur, negozjant, destinarju, transporatur, bejjiegh bl-imnut jew kull persuna ohra awtorizzata that id-dispozzizzjonijiet ta' l-Att 437 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tiddisponi minn annimali hajjin, prodotti ta' origini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, ghalf ta' l-annimali jew prodotti medicinali veterinarji, jew rapprezentant ta' dawk il-persuni jew min kien inkarigat minn xi attivita veterinarja privata inti inqast milli tiddikjara l-attivita' tieghek lis-servizzi veterinarji, skond id-disposizzjoni tal-Att 437 **u dan bi ksur tal-Artikolu 38 (1) (a) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta.**

7. Bhala sid, detentur, negozjant, destinarju, transporatur, bejjiegh bl-imnut jew kull persuna ohra awtorizzata that id-dispozzizzjonijiet ta' l-Att 437 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tiddisponi minn annimali hajjin, prodotti ta' origini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, ghalf ta' l-annimali jew prodotti medicinali veterinarji, jew rapprezentant ta' dawk il-persuni jew min kien inkarigat minn xi attivita veterinarja privata, ma ksibtx kull awtorizzazzjoni rilevanti mis-servizzi veterinarji qabel it-tqeghid fis-suq ta' ghalf tal-annimali u prodotti veterinarji **u dan bi ksur tal-Artikolu 38 (1) (a) tal-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, tordna dawk l-istrumenti, tagħmir, prodotti jew sustanzi użati fit-twettieq tar-reat sabiex jiġu ikkonfiskati favur il-Gvern u, jekk jiġu jekk konfiskati, dawn

għandu jsir minnhom b'dak il-mod hekk kif il-Qorti tista' tiddetermina fuq il-parir tad-Direttur u dan skond l-Artikolu 57(2) tal-Kap 437 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż magħmula mis-servizzi veterinarji bħala riżultat ta' dak ir-reat jew reati, u dan skond l-Artikolu 58(1) tal-Kap 437 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemgħu quddiem il-Qorti;

Rat illi l-prosekuzzjoni għalqet il-provi taghha nhar il-5 ta' Ottubru 2022 salv li jidħlu t-traskrizzjonijiet kollha. Rat ukoll li t-traskrizzjonijiet kollha kienu daħlu fl-10 ta' Ottubru 2023;

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar l-1 ta' Frar 2024;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, ħadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza

**Fatti fil-qosor:**

Mix-xhieda jirriżulta li żewġ uffiċjali tas-servizzi veterinarji s-Sur Joseph Zammit u s-Sur Charles Spiteri marru fuq il-post magħruf bħala *Skiet Risposta Farm* il-Buskett u jispjegaw kif meta marru hemm raw vettur blue bin-numru ta' reġistrazzjoni DBH 264 illi fuq wara tagħha kien hemm tankijiet illi dawn jidhru ukoll mir-ritratti eżebiti kien fihom intern ta' l-annimali u kienu jidhru għadhom friski. Il-veterinarju Steve Farrugia jixhed li meta analizza dan qal li fl-intern li nstab kien hemm dwiefer tal-majjali, intern, ġlud tal-ħrief fost affarijiet oħra. Dak in-nhar l-imputat Roderick Azzopardi tkellem u għamel xi dikjarazzjonijiet u l-uffiċċjali msemmija mexxew fuq l-imsemmija dikjarazzjonijiet. Dehru waqt it-tfittxija xi makkinarju li jintuża għall-qatla ta' l-annimali u għat-tindif ta' l-intern ta' l-annimali. Jirriżulta li l-post huwa reġistrat bħala *farmhouse* u mhux *slaughterhouse*. Instab ukoll xi laħmijiet ġol friża.

**Ikkunsidrat:**

Primarjament il-Qorti trid tippreċiża illi l-mument li x-xhieda li xehdu marru jagħmlu tfittxija fuq ir-razzett magħruf bħala Skiet Risposta kienu jafu li qed jitrattrattaw lill-imputat bħala suspettat. L-investigazzjoni ġiet mibdija fuq ittra anonima li kienet qed taċċenna illegalitajiet, hemmhekk id-Direttorat kien jaf li Roderick Azzopardi huwa s-susspettat li ikkommetta ċertu illegalitajiet. L-uffiċċjali inkarigati ħallew lill-imputat Roderick Azzopardi jitkellem fejn qal li vera kien wettaq il-qatla ta' xi annimali, dan waqt it-tfittxija li kienu qed jagħmlu. Fl-ebda mument ma infurmawh li (a) kien suspettat li wettaq illegalitajiet (b) tawh id-dritt li jibqa' sieket biex ma jinkriminax ruħu (ċ) tawh id-dritt ta' l-avukat. Id-dritt ta' l-avukat ingħata biss wara li huwa kien tkellem u inkrimina lilu nnifsu.

Il-Qorti sejr tikkwota d-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament u tal-Kunsill, datata 22 ta' Ottubru 2023, *dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà:*

*"(21) Fejn persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata, bħal xhud, issir persuna suspettata jew akkużata, dik il-persuna għandha tiġi protetta mill-awtoinkriminazzjoni u jkollha d-dritt li tibqa' siekta, kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk din id-Direttiva tagħmel referenza espliċita għas-sitwazzjoni prattika fejn tali persuna ssir persuna suspettata jew akkużata, matul l-interrogazzjoni mill-pulizija jew awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali. Fejn, matul tali interrogazzjoni, persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata ssir persuna suspettata jew akkużata, l-interrogazzjoni għandha tiġi sospiża minnufih. Madankollu, għandu jkun possibbli li l-interrogazzjoni titkompla jekk il-persuna kkonċernata tkun ġiet infurmata li hija persuna suspettata jew akkużata u tkun tista' teżerċita b'mod sħiħ id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva."*

Iktar l-isfel, l-istess Direttiva tgħid is-segwenti:

*Artikolu 3*

***Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali***

*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv.*

*2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew*

*akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:*

*(a)qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;*

*(b)mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;*

*(c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;*

*(d)fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.*

*3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:*

*(a)L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż qabel interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

*(b)L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali parteċipazzjoni għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat;*

*(c)għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' ġbir ta' provi li ġejjin,fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:*

*(i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.*

*4. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-informazzjoni ġenerali disponibbli biex jagħmluha faċli għall-persuni suspettati jew akkużati li jsibu avukat.*

*Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-preżenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-libertà tagħhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw dak id-dritt f'konformità mal-Artikolu 9.*

*5. Huwa f'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il-kawża li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 2 fejn id-distanza ġeografikament 'il bogħod ta' persuna suspettata jew akkużata tagħmilha impossibbli li jiġi żgurat id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed wara li persuna tkun inċaħdet mil-libertà tagħha.*

*6. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il-kawża, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:*

*(a)fejn hemm ħtieġa urġenti li jkunu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-libertà jew l-integrità fiżika ta' persuna;*

*(b)fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jiġu evitati li l-proċedimenti kriminali jiġu pperikolati b'mod sostanzjali.*

Fil-linji gwida maħruġa mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ippubblikat fl-2014, fil-paġna numru 23 tad-dokument jingħad is-segwenti:

*The right to remain silent and the privilege against self-incrimination serve in principle to protect the freedom of a suspect to choose whether to speak or to remain silent when questioned by the police. Such freedom of choice is effectively undermined in a case in which the suspect has elected to remain silent during questioning and the authorities use subterfuge to elicit confessions or other statements of an incriminatory nature from the suspect which they were unable to obtain during such questioning (in this particular case, a confession made to a police informer sharing the applicant's cell), and where the confessions or statements thereby obtained are adduced in evidence at trial (Allan v. the United Kingdom, § 50).*

Mill-qari tal-proċess huwa evidenti li l-imputat kien qed jitqies mall-ewwel li kien suspettat li wettaq xi illegalitajiet, u ma ngħatax mall-ewwel la id-dritt tas-silenzju milli jinkrimina ruħu u lanqas id-dritt ta' l-avukat b'mod immedjat. Huwa diffiċli għal din il-Qorti taħseb kif id-Direttiva UE imsemmija hawn fuq ilha fis-seħħ sa minn Ottubru 2013 u iktar minn għaxar snin wara dawn in-nuqqasijiet għadhom iseħħu fi stadju investigattiv. Għalhekk il-Qorti hawnhekk taqbel b'mod assolut mad-difiża u sejra tiskarta kwalunkwe dikjarazzjoni li qal l-imputat Roderick Azzopardi mal-uffiċċjali konċernati waqt it-tfitxija fir-razzet is-"Skiet Risposta".

Għal dak li jirrigwarda l-ewwel tlett imputazzjonijiet, kull ma għandhja quddiemha l-Qorti huma x-xhieda u r-rirtratti li ħadu l-istess xhieda l-uffiċċjali tas-servizzi veterinarji ta' karkassi, laħam, fdalijiet u ġlud ta' annimali diversi li jgħixu

fil-farm. Apparti hekk ġie innutat makkinarju li jintuża għall-qatla ta' l-annimali. Dawn il-ġlud u fdalijiet ġew osservati fil-vettura blu DBH 264 li skond id-dokument eżebit mit-Transport Malta (Dok TM1 fl-atti proċesswali) hija l-vettura reġistrata f'isem Nazzareno Azzopardi ID 0877045M u mhux l-imputat. Inoltre ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-imputat kien hu li qatel l-annimali imsemmija jew li qed iżomm xi annimali fi stat tal-biki. Fil-fatt l-istess veterinarju li xehed aktar tard fil-proċeduri fl-ittra tiegħu datata 7 ta' Jannar 2020 jispjega s-segwenti;

*"I carried out an inspection of the farm to check the health status and welfare of the animals and hygiene of the farm. No welfare issues were observed, animals were in good health state and farm was very clean and maintained."*

Dan magħdud mal-fatt li l-vettura li fihom instabu dawn il-fdalijiet lanqas hija propjetà ta' l-imptuat.

Għalhekk il-Qorti ċertament li ma tistax issib ħtija sal-grad rikjest mil-liġi ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet.

Għal dak li jirrigwarda r-raba' (4) u l-ħames (5) imputazzjoni jirriżulta li dawn ġew abrogati permezz ta' l-Avviż Legali 213 ta' l-2023 u għalhekk hija l-aktar liġi favorevoli għall-imputat li għandha tapplika u għalhekk il-Qorti ma tistax issib ħtija għal dak li jirrigwarda dawn iż-żewġ imputazzjonijiet.

Għal dak li jirrigwarda is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjoni, hawnhekk il-provi ukoll huma xi ftit jew wisq nebbolużi u l-prosekuzzjoni ċertament li ma laħqitx il-prova sal-grad rikjest mil-liġi. Kif qalet id-difiża jirriżultaw żewġ persuni li jmexxu l-farm in kwistjoni Skiet Risposta fil-Buskett, is-sid l-ieħor ma ttellax biex jixhed, u kif jirriżulta l-fdalijiet instabu f'vettura li tappartjeni lis-sid l-ieħor. Oltre minn hekk il-fdalijiet ingħatawx jew le bħala għalf ma ġiex ippruvat bl-ebda prova għajr id-dikjarazzjoni ta' l-imputat li kif ġa ngħad iktar il-fuq ma tistax ttieħed in konsiderazzjoni jew bħala prova minn din il-Qorti.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Roderick Azzopardi ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**